Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2024/2081(INI)

16.12.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2024
(2024/2081(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Abir Al-Sahlani

PA_NonLeg

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jippreżenta lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli adottata fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikolari l-għanijiet 1, 4, 5, 8, 10 u 16 tagħha,	– wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli adottata fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikolari l-għanijiet 1, ***3,*** 4, 5, 8, 10 u 16 tagħha,

Emenda 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025,

Emenda 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 48a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2024 dwar l-ambjent repressiv fl-Afganistan, inklużi l-eżekuzzjonijiet pubbliċi u l-vjolenza kontra n-nisa[1a],

[1a] Testi adottati, P9_TA(2024)0160.

Emenda 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 48b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra s-sejbiet tal-Kumitat għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa dwar il-liġi tal-abort fil-Polonja (2024/2867(RSP)),

Emenda 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-UE hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-azzjoni tal-UE madwar id-dinja hija ggwidata mill-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u mill-fatt li l-protezzjoni u d-difiża effettivi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija jinsabu fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE;	A. billi l-UE hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE; ***billi l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-appoġġ tad-drittijiet tan-nisa, b'mod partikolari għal dawk f'żoni rurali, sottożviluppati u remoti, isaħħu l-impenn tal-UE favur dawn il-valuri;*** billi l-azzjoni tal-UE madwar id-dinja hija ggwidata mill-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u mill-fatt li l-protezzjoni u d-difiża effettivi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija jinsabu fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE;

Emenda 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

C. billi s-sistemi demokratiċi huma ***l-aktar xierqa biex jiggarantixxu*** li kull persuna jkollha l-kapaċità li tgawdi d-drittijiet tal-bniedem tagħha; billi l-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli huwa l-aħjar sistema organizzattiva biex tiddefendi d-demokraziji;	C. billi s-sistemi demokratiċi huma ***l-uniku tip ta' sistema li tiggarantixxi*** li kull persuna jkollha l-kapaċità li tgawdi d-drittijiet tal-bniedem tagħha; billi l-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli huwa l-aħjar sistema organizzattiva biex tiddefendi d-demokraziji;

Emenda 7
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi ż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u l-populiżmu ***thedded*** l-ordni globali bbażata fuq ir-regoli, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, kif ukoll il-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE;	E. billi ż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u l-populiżmu***, ir-rigressjoni fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tan-nisa, u ż-żieda fir-retorika omofobika u kontra l-persuni transsesswali, jheddu*** l-ordni globali bbażata fuq ir-regoli, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja, ***id-difiża tal-opportunitajiet indaqs,*** kif ukoll il-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-UE;

Emenda 8

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing huma meqjusa bħala punt ta' bidla deċiżiva għall-aġenda globali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u se jiċċelebraw it-30 anniversarju tagħhom fl-2025;

Emenda 9

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp li saret fil-Kajr fl-1994 u l-istrateġija globali sussegwenti tad-WHO dwar is-saħħa riproduttiva enfasizzaw id-dritt tal-individwi kollha li jibbenefikaw mill-ogħla standards fir-rigward tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati;

Emenda 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija fundamentali għall-iżvilupp ta' soċjetajiet ħielsa u ekwi; billi d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, tal-bniet u tal-persuni mhux binarji għadhom mhumiex iggarantiti fid-dinja kollha u l-ispazju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, speċjalment l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, indiġeni u ta' bażi, qed jiċkien f'ħafna pajjiżi;

Emenda 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-Konvenzjoni ta' Istanbul, li l-Unjoni Ewropea aderiet għaliha dan l-aħħar, minkejja li hija rratifikata minn uħud mill-Istati Membri biss, tafferma li l-konflitti armati jwasslu għal ksur ripetut

tad-drittijiet tal-bniedem li jaffettwa lill-popolazzjonijiet ċivili, speċjalment lin-nisa, li huma soġġetti għal stupru u vjolenza sesswali ġeneralizzati jew sistematiċi, kif ukoll għall-intensifikazzjoni potenzjali tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru matul u wara l-konflitti; billi l-Konvenzjoni msemmija hawn fuq tiddefinixxi l-vjolenza kontra n-nisa bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

Emenda 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi d-drittijiet relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva (SRR) huma protetti bħala drittijiet tal-bniedem fid-dritt internazzjonali u Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem, bħal fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, fil-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u jikkostitwixxu element essenzjali tal-għoti komprensiv tal-kura tas-saħħa; billi d-drittijiet tas-saħħa, b'mod partikolari s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), huma drittijiet fundamentali tan-nisa, li għandhom jissaħħu u bl-ebda mod m'għandhom jiddgħajfu jew jiġu rtirati; billi l-eżerċizzju tal-SRHR huwa element essenzjali tad-dinjità tal-bniedem u huwa intrinsikament marbut mal-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u mal-ksib ta' firxa wiesgħa ta' drittijiet tal-bniedem oħra bħad-dritt ta' persuna għall-ħajja, għas-saħħa, għall-privatezza, għas-sigurtà tal-persuna, għan-nondiskriminazzjoni, għall-ugwaljanza quddiem il-liġi u għall-ħelsien mit-tortura u minn trattament jew

	pieni krudili, inumani jew degradanti oħra;

Emenda 13
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) huma sħab kruċjali fl-isforzi tal-UE biex tissalvagwardja u tavvanza d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll biex tipprevjeni l-konflitti madwar id-dinja; billi l-gvernijiet madwar id-dinja qegħdin dejjem aktar jiċċensuraw, isikktu u jagħtu fastidju lid-DDB u lill-OSĊ fil-ħidma tagħhom; billi din l-imġiba tinkludi miżuri li jinkludu kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), politiki restrittivi tal-gvern, kampanji ta' malafama, diskriminazzjoni, intimidazzjoni u vjolenza, inkluż qtil ekstraġudizzjarju, ħtif, u arresti u detenzjoni arbitrarji; billi l-attakki fuq id-DDB qegħdin jiġu estiżi dejjem aktar għall-familji u l-komunitajiet tagħhom;	I. billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB)***, l-attivisti għad-drittijiet tan-nisa*** u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) huma sħab kruċjali fl-isforzi tal-UE biex tissalvagwardja u tavvanza d-drittijiet tal-bniedem, ***l-opportunitajiet indaqs,*** id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll biex tipprevjeni l-konflitti madwar id-dinja; billi l-gvernijiet ***u l-atturi mhux statali*** madwar id-dinja qegħdin dejjem aktar jiċċensuraw, isikktu u jagħtu fastidju lid-DDB u lill-OSĊ fil-ħidma tagħhom; billi din l-imġiba tinkludi miżuri li jinkludu kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), politiki restrittivi tal-gvern, kampanji ta' malafama, diskriminazzjoni, intimidazzjoni u vjolenza, inkluż qtil ekstraġudizzjarju, ħtif, u arresti u detenzjoni arbitrarji; billi l-attakki fuq id-DDB qegħdin jiġu estiżi dejjem aktar għall-familji u l-komunitajiet tagħhom; ***billi d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u l-OSĊ li jaħdmu fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati għadhom jesperjenzaw spazju li qed jiċkien għall-ħidma kritika tagħhom, kif ukoll theddid ta' vjolenza, fastidju u intimidazzjoni; billi l-attakki kontra d-drittijiet tan-nisa, id-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, l-attivisti u l-ġurnalisti huma tattika komuni użata minn atturi antidemokratiċi biex ikomplu jdgħajfu d-drittijiet u l-libertajiet kemm fl-UE kif ukoll globalment;***

Emenda 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi, f'dikjarazzjoni konġunta fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tad-Difensuri Nisa tad-Drittijiet tal-Bniedem, diversi rapporteurs speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti enfasizzaw li "d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem jiffaċċjaw ostakli addizzjonali ta' diskriminazzjoni ekonomika u strutturali, kif ukoll sfidi uniċi marbuta ma' diskriminazzjoni profonda kontra n-nisa u stereotipi relatati mal-ġeneru u s-sesswalità stabbiliti sew f'soċjetajiet patrijarkali", u li għalhekk l-iżgurar tas-sikurezza tagħhom għandu jkun prijorità; billi d-dikjarazzjoni tal-UN Women dwar il-Jum Internazzjonali tad-Difensuri Nisa tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-29 ta' Novembru 2022 qalet li "jeħtieġ li nipproteġu urġentement il-ħajjiet u x-xogħol tad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem", li "d-dritt tagħhom li jipparteċipaw u jesprimu l-opinjonijiet indipendenti tagħhom mhuwiex negozjabbli", u li huwa essenzjali li jiġi żgurat "ambjent li jħeġġeġ ix-xogħol tagħhom, inkluża leġiżlazzjoni li tipproteġihom u tappoġġjahom u li żżomm responsabbli lil min jattakkahom";

Emenda 15
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi, filwaqt li ntwera li t-teknoloġiji ġodda, inklużi l-media soċjali u l-intelliġenza artifiċjali (IA), għandhom impatt negattiv fuq id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali, filwaqt li jinfluwenzaw, pereżempju, l-eżiti tal-elezzjonijiet demokratiċi, jistgħu

	madankollu, jipprovdu pjattaforma għall-attivisti, b'mod partikolari l-attivisti nisa, li inkella ma jkunux jistgħu jiddefendu l-kawżi tagħhom u jipparteċipaw fil-ħajja pubblika; billi l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt li ġiet adottata dan l-aħħar għandha l-għan li tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-istat tad-dritt fl-applikazzjoni tas-sistemi tal-IA; billi dan it-trattat jistabbilixxi qafas legali li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistemi tal-IA u jindirizza r-riskji assoċjati, bħall-vjolenza kontra n-nisa, filwaqt li jippromwovi l-innovazzjoni responsabbli;

Emenda 16
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-isfidi globali għad-demokrazija ***u d-drittijiet*** tal-bniedem	L-isfidi globali għad-demokrazija***, id-drittijiet*** tal-bniedem ***u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***

Emenda 17Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Itenni mill-ġdid l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità inerenti ta' kull bniedem; jafferma mill-ġdid id-dmir tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jippromovu u jipproteġu d-demokrazija u l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja;	1. Itenni mill-ġdid l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità inerenti ta' kull bniedem; jafferma mill-ġdid id-dmir tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jippromovu u jipproteġu d-demokrazija u l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; ***jisħaq li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur fundamentali tal-UE u wieħed mill-prinċipji komuni u fundamentali tagħha;***

Emenda 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu avvanzati d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza tal-opportunitajiet bejn l-irġiel u n-nisa madwar id-dinja, li huma kruċjali għall-konkretizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li, minkejja l-progress li sar, in-nisa u l-bniet għadhom iġarrbu diskriminazzjoni u vjolenza, speċjalment f'pajjiżi taħt reġimi Iżlamiċi stretti, u li tali soċjetajiet jonqsu milli jipprovdu lin-nisa u lill-bniet drittijiet ugwali skont il-liġi u aċċess ugwali għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, ix-xogħol deċenti u r-rappreżentanza politika u ekonomika;

Emenda 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jissottolinja l-importanza tat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-sistemi demokratiċi sabiex tiġi indirizzata d-diskrepanza fir-rappreżentanza tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-azzjoni esterna tal-UE tiffaċilita parteċipazzjoni aħjar tan-nisa fil-politika, fin-negozju u fis-soċjetà ċivili;

Emenda 20Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jinsisti li r-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali jridu jkunu l-pedament tal-politika esterna tal-UE; iħeġġeġ bil-qawwa lill-UE, għal dak il-	2. Jinsisti li r-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali jridu jkunu l-pedament tal-politika esterna tal-UE; iħeġġeġ bil-qawwa lill-UE, għal dak il-

għan, taħdem għal impenn ambizzjuż kontinwu biex id-drittijiet tal-bniedem isiru parti ċentrali mill-politiki kollha tal-UE b'mod issimplifikat u biex tissaħħaħ il-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE f'dan il-qasam;

għan, taħdem għal impenn ambizzjuż kontinwu biex id-drittijiet tal-bniedem isiru parti ċentrali mill-politiki kollha tal-UE***, inkluži l-ftehimiet kummerċjali,*** b'mod issimplifikat***,*** u biex tissaħħaħ il-konsistenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE f'dan il-qasam;

Emenda 21
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jisħaq li l-UE jeħtiġilha tkun ippreparata bis-sħiħ biex tiġġieled iż-żieda fl-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u l-populiżmu, kif ukoll l-attakki dejjem jiżdiedu fuq l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u d-dritt umanitarju internazzjonali;	3. Jisħaq li l-UE jeħtiġilha tkun ippreparata bis-sħiħ biex tiġġieled iż-żieda ***allarmanti*** fl-awtoritarjaniżmu, l-illiberaliżmu u l-populiżmu***, ir-rigressjoni globali fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet fundamentali, inkluži d-drittijiet tan-nisa, u ż-żieda fir-retorika omofobika u kontra l-persuni transsesswali, li jdgħajfu d-drittijiet tal-persuni l-aktar vulnerabbli***, kif ukoll l-attakki dejjem jiżdiedu fuq l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u d-dritt umanitarju internazzjonali; ***jenfasizza l-interdipendenza tad-drittijiet tan-nisa, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;***

Emenda 22
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jikkundanna t-tendenza dejjem tiżdied ta' ksur u abbuži tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji u l-valuri demokratiċi madwar id-dinja, bħall-arresti u d-detenzjonijiet arbitrarji, it-tortura, it-trażżin tas-soċjetà ċivili u l-avversarji politiċi, l-użu eċċessiv tal-vjolenza mill-awtoritajiet pubbliċi, iċ-ċensura u t-theddid għall-media indipendenti, l-attakki politiċi kontra istituzzjonijiet internazzjonali, u l-	4. Jikkundanna t-tendenza dejjem tiżdied ta' ksur u abbuži tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji u l-valuri demokratiċi madwar id-dinja, bħall-arresti u d-detenzjonijiet arbitrarji, it-tortura***, il-mutilazzjoni ġenitali femminili***, it-trażżin tas-soċjetà ċivili u l-avversarji politiċi, l-użu eċċessiv tal-vjolenza mill-awtoritajiet pubbliċi, iċ-ċensura u t-theddid għall-media indipendenti, l-attakki politiċi kontra

użu dejjem jiżdied ta’ metodi illegali ta’ gwerra bi ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem***, fost l-oħrajn***; jiddeplora d-dgħufija tal-protezzjoni tal-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi, u l-ispazju li qed jiċkien għas-soċjetajiet ċivili madwar id-dinja;

istituzzjonijiet internazzjonali, u l-użu dejjem jiżdied ta’ metodi illegali ta’ gwerra bi ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt dwar id-drittijiet tal-bniedem; jiddeplora d-dgħufija tal-protezzjoni tal-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi, u l-ispazju li qed jiċkien għas-soċjetajiet ċivili madwar id-dinja***, inkluż dak għad-difensuri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) u għall-ġurnalisti, li huma partikolarment mhedda u kostantement fil-mira***; ***jikkundanna, ukoll, r-rigressjoni kontinwa fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jesprimi tħassib kbir ħafna dwar it-trażżin immirat tad-drittijiet tan-nisa u tal-inizjattivi favur l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala parti minn din it-tendenza;***

Emenda 23
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jiddeplora l-kriżi tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u r-repressjoni kontinwa tan-nisa fid-dinja kollha; jikkundanna bis-sħiħ ir-repressjoni kontinwa u t-trattament ħażin gravi tan-nisa u l-bniet fl-Afganistan mit-Taliban, li neħħewlhom id-drittijiet tal-bniedem fundamentali tagħhom u l-aċċess tagħhom għal-libertajiet bażiċi; jenfasizza, b’mod partikolari, il-“liġi dwar il-moralità” li ddaħħlet dan l-aħħar fl-Afganistan li effettivament twarrab għalkollox lin-nisa mill-ħajja pubblika; jesprimi s-solidarjetà tiegħu man-nisa u l-bniet fl-Afganistan u f’postijiet oħra; jitlob lill-UE taħdem biex terġa’ tistabbilixxi u twessa’ d-drittijiet tan-nisa fl-Afganistan u fid-dinja kollha; jikkundanna l-politika devastanti tal-apartheid tal-ġeneru implimentata mit-Taliban fl-Afganistan u jħeġġeġ lill-awtoritajiet de facto jerġgħu jdaħħlu

minnufih il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa u l-bniet fil-ħajja pubblika, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u x-xogħol; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu l-apartheid tal-ġeneru bħala reat taħt id-dritt internazzjonali sabiex l-Afganistan u l-awturi ta' dan ir-reat jinżammu responsabbli għal għemilhom;

Emenda 24
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jenfasizza li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) huma drittijiet tal-bniedem fundamentali li jridu jiġu rrispettati globalment u fl-Istati Membri tal-UE, u jesprimi tħassib kbir dwar ir-rigressjoni globali fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-SRHR; jafferma mill-ġdid li ċ-ċaħda ta' servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva ta' kwalità u komprensivi tikkostitwixxi forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru; jisħaq fuq l-importanza ta' tmexxija bl-eżempju; iħeġġeġ lill-UE tagħti prijorità lill-aċċess għall-SRHR bħala parti mill-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u mill-ilħuq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;

Emenda 25
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Ifakkar li l-promozzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) hija prinċipju fundamentali tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru III; jitlob l-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-OSĊ li

	jappoġġjaw l-SRHR u jiffaċilitaw l-aċċess għalihom, li l-isforzi tagħhom huma dejjem aktar mhedda minħabba l-ispazju jiċkien għas-soċjetà ċivili; jappella biex każijiet bħall-kundanna ta' Justyna Wydrzynska fil-Polonja f'Marzu 2023 jiġu evitati; jenfasizza l-ħtieġa li l-għajnuna umanitarja tkun sensittiva għall-ġeneru biex ikun żgurat li tasal għand il-persuni l-aktar vulnerabbli; jappoġġja l-aċċess universali għas-servizzi SRHR, b'mod partikolari l-ippjanar komprensiv tal-familja, il-kontraċezzjoni, l-informazzjoni imparzjali, il-kura qabel, waqt u wara t-twelid, kif ukoll il-kura għall-persuni bl-HIV, inkluża l-mediċina ta' profilassi qabel u wara l-esponiment (PEP u PrEP); jenfasizza li n-nisa u l-bniet jeħtieġ li jkollhom aċċess kontinwu għall-SRHR matul konflitt u spostament, inkluż twelid sikur, servizzi ta' ppjanar tal-familja, aborti legali u sikuri, u ġestjoni klinika tal-istupru; jitlob li jiġu allokati fondi għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva essenzjali u li jsalvaw il-ħajja, bi qbil mal-Pakkett ta' Servizzi Inizjali Minimi tan-NU;

Emenda 26
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-prevalenza globali ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż l-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ tat-tfal u furzat, il-femminiċidji, il-vjolenza mwettqa "f'isem l-unur", u t-traffikar ta' nisa u bniet; jistieden lill-atturi globali u l-Istati Membri jindirizzaw bil-qawwa s-sitwazzjoni mwiegħra tan-nisa u l-bniet madwar id-dinja li huma soġġetti għal traffikar ta' bnedmin u sfruttament sesswali; jappoġġja l-isforzi bl-għan li l-vittmi jiġu salvati u riabilitati u li t-trażgressuri rġiel u nisa jitressqu l-qorti

rigorożament, u jiġu riformati; jilqa' l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul; jiddeplora d-deċiżjoni tat-Turkija li tirtira mill-Konvenzjoni u tibqa' barra minnha; iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE li għadhom ma rratifikawhiex – il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Litwanja u s-Slovakkja – biex jirratifikaw il-Konvenzjoni u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tagħha; jenfasizza l-importanza li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru tiġi rikonoxxuta bħala qasam ta' reat skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE; itenni li l-istupru għadu wieħed mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem l-aktar mifrux globalment u jisħaq fuq l-importanza ta' leġiżlazzjoni dwar l-istupru abbażi tal-kunsens u ta' edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet f'dan ir-rigward, u jtenni li l-istupru abbażi tan-nuqqas ta' kunsens jeħtieġ li jiġi kriminalizzat fid-dritt tal-UE; iħeġġeġ il-konformità mar-rakkomandazzjoni tar-Rapporteur Speċjali tan-NU li għandha tiġi stabbilita inizjattiva ta' monitoraġġ tal-femminiċidji[1a] (meta din ma tkunx diġà teżisti) biex il-femminiċidji jiġu mmonitorjati u enfasizzati, bħala riżorsa biex jittejbu l-politiki, u bħala sensibilizzazzjoni tal-fatt li l-qtil tan-nisa minħabba l-ġeneru tagħhom jikkostitwixxi manifestazzjoni fatali taċ-ċiklu tal-vjolenza kontra n-nisa; jitlob b'insistenza r-reġistrazzjoni tad-data fl-istatistika uffiċjali tal-omiċidji;

[1a] WAVE, https://wave-network.org/wp-content/uploads/WAVE_CountryReport2023.pdf, p. 67.

Emenda 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5. Jinnota bi tħassib kbir il-kriżi internazzjonali li għaddejja bħalissa tar-responsabbiltà u l-isfida biex tintemm l-impunità għall-ksur tan-normi essenzjali tad-dritt umanitarju internazzjonali u dak dwar id-drittijiet tal-bniedem f'konflitti moderni madwar id-dinja;	5. ***Jisħaq li n-nisa u l-bniet, inklużi l-persuni LGBTIQ+, huma aktar vulnerabbli fil-konflitti; jikkundanna l-gwerra mhux provokata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-konsegwenzi sproporzjonati tagħha għan-nisa u l-bniet; jirrikonoxxi l-kuraġġ tan-nisa skjerati fl-ewwel linja ta' difiża fuq il-post; jappella biex ir-Russja tinżamm responsabbli għall-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem kontra n-nisa u l-bniet, inklużi, iżda mhux biss, il-każijiet kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħall-vjolenza sesswali, it-traffikar ta' bnedmin u l-istupru; jitlob li l-vittmi kollha jingħataw aċċess għall-ġustizzja;*** jinnota***, ukoll,*** bi tħassib kbir il-kriżi internazzjonali li għaddejja bħalissa tar-responsabbiltà u l-isfida biex tintemm l-impunità għall-ksur tan-normi essenzjali tad-dritt umanitarju internazzjonali u dak dwar id-drittijiet tal-bniedem f'konflitti moderni madwar id-dinja***, li qed iwasslu għal ksur tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet u għall-eżistenza kontinwa ta' żoni fejn in-nisa u l-bniet jiġu furzati jiżżewġu mingħajr il-kunsens tagħhom, jew jiġu ttraffikati għal raġunijiet ta' prostituzzjoni jew xogħol furzat minn traffikanti tal-bnedmin***;

Emenda 28
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jinnota b'sodisfazzjon li hemm ukoll "punti pożittivi dwar id-drittijiet tal-bniedem" f'dan il-kuntest ta' sfidi kbar għad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; jenfasizza l-ħtieġa ta' komunikazzjoni aktar strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija billi jinxterdu aħbarijiet dwar riżultati pożittivi, politiki u l-aħjar prattiki; jappoġġja l-inizjattiva ta' Stejjer Pożittivi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[9] bħala mod kif jiġu promossi stejjer pożittivi dwar id-drittijiet	6. Jinnota b'sodisfazzjon li hemm ukoll "punti pożittivi dwar id-drittijiet tal-bniedem" f'dan il-kuntest ta' sfidi kbar għad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja; jenfasizza l-ħtieġa ta' komunikazzjoni aktar strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija billi jinxterdu aħbarijiet dwar riżultati pożittivi, politiki u l-aħjar prattiki; jappoġġja l-inizjattiva ta' Stejjer Pożittivi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[9] bħala mod kif jiġu promossi stejjer pożittivi dwar id-drittijiet

tal-bniedem;	tal-bniedem; ***jenfasizza l-importanza li jiġi rikonoxxut ix-xogħol tad-difensuri u l-attivisti nisa tad-drittijiet tal-bniedem, u li jiġu ċċelebrati u appoġġjati; jappoġġja l-għoti mill-Parlament Ewropew tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb, filwaqt li jinnota li, fl-aħħar żewġ edizzjonijiet, ingħata lil attivisti nisa għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, bħal Jina Mahsa Amini u l-moviment ta' protesta Iranjan "Woman, Life, Freedom" fl-2023, u María Corina Machado, mexxejja tal-forzi demokratiċi Venezwelani, fl-2024;***
[9] https://goodhumanrightsstories.net/.	[9] https://goodhumanrightsstories.net/.

Emenda 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jinnota bi tħassib ***id-distakk*** dejjem ***jiżdied*** madwar id-dinja; jisħaq fuq ir-responsabbiltà tal-UE li tkompli tiddefendi l-valuri u l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u d-dinjità madwar id-dinja, li huwa saħansitra aktar importanti li jiġu difiżi fl-istat volatili attwali tal-politika globali; jistieden lill-UE żżomm il-kanali ta' komunikazzjoni miftuħa mal-partijiet ikkonċernati differenti u tkompli tiżviluppa sett ta' għodod komprensiv biex jissaħħu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja;	7. Jinnota bi tħassib ***id-distakki ekonomiċi, edukattivi, kulturali, soċjali u teknoloġiċi*** dejjem ***jiżdiedu*** madwar id-dinja; jisħaq fuq ir-responsabbiltà tal-UE li tkompli tiddefendi l-valuri u l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u d-dinjità madwar id-dinja, li huwa saħansitra aktar importanti li jiġu difiżi fl-istat volatili attwali tal-politika globali; jistieden lill-UE żżomm il-kanali ta' komunikazzjoni u ***negozjati*** miftuħa***, meta jkun meħtieġ,*** mal-partijiet ikkonċernati differenti u tkompli tiżviluppa sett ta' għodod komprensiv biex jissaħħu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja;

Emenda 30
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq li d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma drittijiet tal-bniedem indispensabbli u indiviżibbli, ***kif ukoll*** bażi għall-istat tad-dritt u demokraziji reżiljenti inklużivi; jiddeplora l-fatt li miljuni ta' nisa u bniet għadhom jesperjenzaw diskriminazzjoni u vjolenza, b'mod speċjali fil-kuntest ta' konflitti, u huma mċaħħda mid-dinjità, mill-awtonomija u saħansitra mill-ħajja tagħhom; jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lis-sħab tal-istess fehma ***jżidu*** l-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet; jikkundanna bl-aktar mod qawwi ***l-attakki dejjem jiżdiedu*** fuq is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi madwar id-dinja, kif ukoll il-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jilqa' l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul; jistieden lill-UE u lis-sħab internazzjonali tagħha jsaħħu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li n-nisa jgawdu d-drittijiet tal-bniedem bis-sħiħ u ***jiġu ttrattati b'mod ugwali għall-irġiel***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsiru sforzi biex tinqered bis-sħiħ ***il-prattika tal-mutilazzjoni*** ġenitali femminili;	27. Jisħaq li d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma drittijiet tal-bniedem indispensabbli u indiviżibbli, ***bħala*** bażi għall-istat tad-dritt u demokraziji reżiljenti inklużivi u valur fundamentali tal-UE ***u wieħed mill-prinċipji komuni u fundamentali tagħha***; jiddeplora l-fatt li miljuni ta' nisa u bniet għadhom jesperjenzaw diskriminazzjoni u vjolenza, b'mod speċjali fil-kuntest ta' konflitti, ***sitwazzjonijiet ta' wara konflitt u spostament,*** u huma mċaħħda mid-dinjità, mill-awtonomija***, mil-leħen, mill-kapaċità*** u saħansitra mill-ħajja tagħhom; ***jinnota bi tħassib partikolari li n-nisa minn komunitajiet emarġinati, żoni rurali u sottożviluppati, u dawk li jiffaċċjaw forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni huma partikolarment vulnerabbli;*** jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lis-sħab tal-istess fehma ***jintensifikaw*** l-isforzi tagħhom biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u tal-bniet; jikkundanna bl-aktar mod qawwi ***l-forom kollha ta' attakki*** fuq is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi madwar id-dinja, kif ukoll il-vjolenza abbażi tal-ġeneru***, inkluż l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra***; ***jitlob lill-UE lill-Istati Membri jiddefendu l-SRHR bħala drittijiet tal-bniedem, jonqxu d-dritt għal abort legali u sikur fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u jagħtu prijorità lill-aċċess għall-SRHR biex javvanzaw id-drittijiet tal-bniedem u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;*** jilqa' l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul ***u jistieden lill-Istati Membri u lill-membri tal-Kunsill tal-Ewropa li għadhom ma rratifikawhiex, biex jirratifikaw il-Konvenzjoni***; ***jenfasizza l-ħtieġa tal-implimentazzjoni sħiħa u rapida tagħha;*** jistieden lill-UE u lis-sħab internazzjonali tagħha jsaħħu l-isforzi tagħhom biex ***ixerrdu l-istandards tal-Konvenzjoni ta' Istanbul madwar id-dinja u*** jiżguraw li n-nisa jgawdu d-

	drittijiet tal-bniedem bis-sħiħ u ***jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-azzjonijiet kollha tagħhom***; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsiru sforzi biex tinqered bis-sħiħ ***il-mutilazzjoni*** ġenitali femminili; ***jisħaq li l-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-SRHR hija integrali għall-azzjoni esterna tal-UE; jappella għal appoġġ konsistenti f'fora multilaterali u bilaterali biex jiġu żgurati globalment id-drittijiet u l-protezzjonijiet ugwali tan-nisa u l-bniet;***

Emenda 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-edukazzjoni tirrappreżenta l-punt ta' tluq għall-kultivazzjoni tal-prinċipji u l-valuri li jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali tat-tfal, kif ukoll għall-koeżjoni soċjali u demokratika u l-istat tad-dritt fid-dinja kollha; għal dak il-għan, jitlob lill-UE tippromwovi l-valuri tagħha billi tappoġġja l-aċċess għall-edukazzjoni u t-tagħlim għan-nisa u l-bniet;

Emenda 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Josserva li l-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, għalkemm ma laħqux l-għanijiet kollha tiegħu, b'mod partikolari minħabba l-isfidi mingħajr preċedent li esperjenzat id-dinja mill-adozzjoni tiegħu;	8. Josserva li l-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, għalkemm ma laħqux l-għanijiet kollha tiegħu, b'mod partikolari minħabba l-isfidi mingħajr preċedent li esperjenzat id-dinja mill-adozzjoni tiegħu**,**

jilqa', f'dan is-sens, l-estensjoni tal-pjan ta' azzjoni sal-2027, bil-għan li jiġu mmassimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-livelli lokali, nazzjonali u globali;

u għalhekk jieħu nota ta' kemm għad fadal x'isir; jilqa', f'dan is-sens, l-estensjoni tal-pjan ta' azzjoni sal-2027, bil-għan li jiġu mmassimizzati s-sinerġiji u l-komplementarjetà bejn id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-livelli lokali, nazzjonali u globali;

Emenda 33
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Ifakkar fir-rwol fundamentali tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, inkluż il-programm tematiku tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, bħala strument ewlieni tal-UE fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja; jenfasizza l-ħtieġa ta' involviment mas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet esterni rilevanti kollha tal-UE; itenni l-importanza li jiġi ssimplifikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-istrumenti tal-azzjoni esterna tal-UE; jissottolinja r-rwol tal-Parlament fil-proċess ta' programmazzjoni tal-istrument u jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jaqsmu l-informazzjoni rilevanti kollha fil-ħin sabiex il-Parlament ikun jista' jaqdi r-rwol tiegħu kif xieraq, b'mod partikolari waqt djalogi ġeopolitiċi ta' livell għoli mal-Kummissjoni;	10. Ifakkar fir-rwol fundamentali tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali ***(NDICI)*** – Ewropa Globali, inkluż il-programm tematiku tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, bħala strument ewlieni tal-UE fil-promozzjoni ***tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet*** u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja; jenfasizza l-ħtieġa ta' involviment mas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet esterni rilevanti kollha tal-UE; itenni l-importanza li jiġi ssimplifikat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-istrumenti tal-azzjoni esterna tal-UE; jissottolinja r-rwol tal-Parlament fil-proċess ta' programmazzjoni tal-istrument u jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jaqsmu l-informazzjoni rilevanti kollha fil-ħin sabiex il-Parlament ikun jista' jaqdi r-rwol tiegħu kif xieraq, b'mod partikolari waqt djalogi ġeopolitiċi ta' livell għoli mal-Kummissjoni; ***ifakkar li l-NDICI-Ewropa Globali jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, u n-nondiskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni, permezz ta' azzjonijiet immirati u integrati, li mill-inqas 85 % minnhom għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv primarju jew sinifikanti kif definit mill-indikatur ta'***

	politika għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD;

Emenda 34

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' l-użu dejjem jiżdied tal-GHRSR tal-UE bħala għodda politika ewlenija fid-difiża tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja; jinnota, madankollu, l-isfidi li r-rekwiżit tal-unanimità joħloq fl-adozzjoni tas-sanzjonijiet u jtenni l-appell tiegħu għall-introduzzjoni ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal deċiżjonijiet dwar il-GHRSR; jappoġġja bis-sħiħ il-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet immirati kontra l-korruzzjoni fi ħdan il-qafas tal-UE f'dan ir-rigward, li ilha prijorità tal-Parlament għal żmien twil, kemm jekk permezz tal-inklużjoni tiegħu fil-GHRSR jew fl-ambitu ta' reġim differenti; jenfasizza l-ħtieġa tal-infurzar sħiħ tas-sanzjonijiet u jappella biex jiġu ttrattati ċ-ċirkomvenzjonijiet;	13. Jilqa' l-użu dejjem jiżdied tal-GHRSR tal-UE bħala għodda politika ewlenija fid-difiża tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja***, inkluži s-sanzjonijiet reċenti imposti fuq individwi responsabbli għal vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sistematika u mifruxa***; jinnota, madankollu, l-isfidi li r-rekwiżit tal-unanimità joħloq fl-adozzjoni tas-sanzjonijiet u jtenni l-appell tiegħu għall-introduzzjoni ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal deċiżjonijiet dwar il-GHRSR; jappoġġja bis-sħiħ il-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet immirati kontra l-korruzzjoni fi ħdan il-qafas tal-UE f'dan ir-rigward, li ilha prijorità tal-Parlament għal żmien twil, kemm jekk permezz tal-inklużjoni tiegħu fil-GHRSR jew fl-ambitu ta' reġim differenti; jenfasizza l-ħtieġa tal-infurzar sħiħ tas-sanzjonijiet u jappella biex jiġu ttrattati ċ-ċirkomvenzjonijiet;

Emenda 35
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-attakki dejjem jiżdiedu minn reġimi awtoritarji u illiberali fuq il-prinċipji u l-valuri demokratiċi; jisħaq li d-difiża u l-appoġġ tad-demokrazija madwar id-dinja	14. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-attakki dejjem jiżdiedu minn reġimi awtoritarji u illiberali fuq il-prinċipji u l-valuri demokratiċi; jisħaq li d-difiża u l-appoġġ tad-demokrazija madwar id-dinja

qed isiru dejjem aktar ta’ interess ġeopolitiku u strateġiku; jenfasizza l-importanza tal-isforzi tal-Parlament fil-bini tal-kapaċitajiet għall-parlamenti sħab, filwaqt li jippromwovi l-medjazzjoni u jħeġġeġ kultura ta’ djalogu u kompromess, b’mod speċjali fost il-mexxejja politiċi, u ***jagħti s-setgħa*** lill-parlamenti, DDB u rappreżentanti nisa mis-soċjetà ċivili u l-media indipendenti; itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tkompli u tespandi l-attivitajiet tagħha f’dawn l-oqsma billi żżid il-finanzjament u l-appoġġ għall-korpi, l-aġenziji u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq l-għotjiet tal-UE; jisħaq fuq l-importanza kritika li jingħata appoġġ dirett lis-soċjetà ċivili u lill-persuni li jesprimu fehmiet kuntrarji, b’mod partikolari fil-klima attwali ta’ tensjonijiet globali dejjem jikbru u repressjoni f’għadd dejjem jiżdied ta’ pajjiżi; itenni l-importanza tal-missjonijiet ta’ osservazzjoni elettorali tal-UE u l-kontribut tal-Parlament għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-metodoloġija tagħhom; jappella għal kollaborazzjoni mtejba bejn il-Grupp tal-Parlament għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet, id-direttorati ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni u s-SEAE;

qed isiru dejjem aktar ta’ interess ġeopolitiku u strateġiku; jenfasizza l-importanza tal-isforzi tal-Parlament***, kif ukoll ir-rwol tad-delegazzjonijiet tiegħu u ta’ delegazzjonijiet oħra tal-UE*** fil-bini tal-kapaċitajiet għall-parlamenti sħab, filwaqt li jippromwovi l-medjazzjoni u jħeġġeġ kultura ta’ djalogu u kompromess, b’mod speċjali fost il-mexxejja politiċi, ***il-promozzjoni tal-aċċess tan-nisa għall-parteċipazzjoni politika, kemm fl-istituzzjonijiet kif ukoll fl-oqsma pubbliċi, assoċjattivi u ċiviċi*** u ***l-għoti tas-setgħa*** lill-parlamenti, DDB u rappreżentanti nisa mis-soċjetà ċivili u l-media indipendenti; ***ifakkar fl-importanza tal-ħidma tal-attivisti, b’mod partikolari fid-difiża tad-drittijiet fundamentali u b’mod partikolari dawk li qed jiġu attakkati l-aktar, bħad-drittijiet tan-nisa, il-minoranzi u l-persuni LGBTIQA+;*** itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tkompli u tespandi l-attivitajiet tagħha f’dawn l-oqsma billi żżid il-finanzjament u l-appoġġ għall-korpi, l-aġenziji u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq l-għotjiet tal-UE; jisħaq fuq l-importanza kritika li jingħata appoġġ dirett lis-soċjetà ċivili u lill-persuni li jesprimu fehmiet kuntrarji, b’mod partikolari fil-klima attwali ta’ tensjonijiet globali dejjem jikbru u repressjoni f’għadd dejjem jiżdied ta’ pajjiżi; itenni l-importanza tal-missjonijiet ta’ osservazzjoni elettorali tal-UE u l-kontribut tal-Parlament għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-metodoloġija tagħhom; jappella għal kollaborazzjoni mtejba bejn il-Grupp tal-Parlament għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet, id-direttorati ġenerali rilevanti tal-Kummissjoni u s-SEAE; ***jitlob lill-UE tqajjem kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, ma’ pajjiżi mhux tal-UE; jitlob li d-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem jingħataw aktar viżibbiltà, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu orjentati biex jiksbu r-riżultati u bbażati fuq sett ċar ta’***

	parametri referenzjarji li jippermettu monitoraġġ effettiv, inkluż permezz ta' konsultazzjoni effettiva ex ante u ex post mas-soċjetà ċivili u tal-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet għall-istampa konġunti u t-twettiq ta' azzjonijiet ta' segwitu xierqa;

Emenda 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-appoġġ tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem	L-appoġġ tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ***u għad-difensuri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR)***

Emenda 37
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jinsab imħasseb ħafna dwar ir-restrizzjoni kontinwa tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u ż-żieda fit-theddid għall-ħidma tad-DDB, kif ukoll il-familji, il-komunitajiet u l-avukati tagħhom, u jqis partikolarment inkwetanti l-mezzi dejjem aktar sofistikati użati biex jiġu ppersegwitati; jappoġġja bis-sħiħ il-ħidma tad-DDB u l-azzjoni tal-UE biex tiżgura l-protezzjoni tagħhom madwar id-dinja; jappella għall-applikazzjoni sħiħa u konsistenti tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-DDB mill-UE u l-Istati Membri tagħha; jappella għal sforzi biex tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-azzjonijiet u l-kanali tal-UE għall-protezzjoni u l-appoġġ tad-DDB;	15. Jinsab imħasseb ħafna dwar ir-restrizzjoni kontinwa tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u ż-żieda fit-theddid għall-ħidma tad-DDB ***u tad-difensuri tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), b'mod partikolari n-nisa***, kif ukoll il-familji, il-komunitajiet u l-avukati tagħhom, u jqis partikolarment inkwetanti l-mezzi dejjem aktar sofistikati użati biex jiġu ppersegwitati; jappoġġja bis-sħiħ il-ħidma tad-DDB u ***tad-difensuri tal-SRHR, u*** l-azzjoni tal-UE biex tiżgura l-protezzjoni tagħhom madwar id-dinja; ***itenni t-talbiet preċedenti tiegħu lill-UE biex tqis it-theddid, il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi għall-ġeneru li jiffaċċjaw id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem (WHRDs), u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jiggarantixxu l-aċċess tagħhom għal mekkaniżmi speċifiċi ta' protezzjoni, kif ukoll jipprovdu appoġġ politiku u aktar appoġġ finanzjarju dirett; jiddeplora***

l-fatt li d-WHRDs għadhom jiffaċċjaw ksur bla heda u dejjem aktar sofistikat kontrihom; jikkundanna l-impunità li biha l-awturi jwettqu ksur kontra d-WHRDs, kemm f'oqsma pubbliċi kif ukoll f'oqsma privati; jiddeplora l-fatt l-mexxejja politiċi spiss jonqsu milli jipproteġu lid-WHRDs minn movimenti b'saħħithom u perikoluż kontra l-ġeneri; jappella għall-applikazzjoni sħiħa u konsistenti tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-DDB mill-UE u l-Istati Membri tagħha; jappella għal sforzi biex tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-azzjonijiet u l-kanali tal-UE għall-protezzjoni u l-appoġġ tad-DDB ***u tad-difensuri tal-SRHR***; ***jitlob appoġġ għad-DDB u l-OSĊ involuti fil-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-SRHR, li l-ħidma tagħhom hija mhedda mill-ispazju jiċkien għas-soċjetà ċivili; jitlob lill-UE timpenja ruħha li żżid u ssostni l-finanzjament għall-movimenti tad-drittijiet tan-nisa, inkluż fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġeneru wara l-2027;***

Emenda 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jafferma mill-ġdid li l-promozzjoni tar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali soda fil-livell multilaterali; jissottolinja r-rwol partikolarment importanti tan-NU u tal-korpi tagħha bħala l-forum ewlieni li jrid ikun kapaċi javvanza b'mod effettiv l-isforzi għall-paċi u għas-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġjaw il-ħidma tan-NU, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament; itenni l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri	17. Jafferma mill-ġdid li l-promozzjoni tar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali soda fil-livell multilaterali; ***jisħaq li t-territorju tal-UE għadu taħt okkupazzjoni illegali, b'konsegwenzi katastrofiċi għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż d-drittijiet tan-nisa;*** jissottolinja r-rwol partikolarment importanti tan-NU u tal-korpi tagħha bħala l-forum ewlieni li jrid ikun kapaċi javvanza b'mod effettiv l-isforzi għall-paċi u għas-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali; jistieden lill-UE u lill-Istati

tagħha jitkellmu b'vuċi waħda fin-NU kif ukoll f'fora multilaterali oħra; jappella biex id-delegazzjonijiet tal-UE jkollhom rwol aktar b'saħħtu fil-fora multilaterali, li għalihom għandu jkollhom riżorsi xierqa disponibbli;	Membri tagħha jkomplu jappoġġjaw il-ħidma tan-NU, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament; itenni l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jitkellmu b'vuċi waħda fin-NU kif ukoll f'fora multilaterali oħra; jappella biex id-delegazzjonijiet tal-UE jkollhom rwol aktar b'saħħtu fil-fora multilaterali, li għalihom għandu jkollhom riżorsi xierqa disponibbli;

Emenda 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jiddeplora, fid-dawl tal-impatti fuq il-ġeneri tal-konflitti armati, in-nuqqas ta' importanza jew ta' prijorità mogħtija lill-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru u lis-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) fir-rispons tal-UE għall-kriżijiet umanitarji u tar-rifuġjati; itenni li l-kriżijiet umanitarji jintensifikaw l-isfidi relatati mal-SRHR u mal-ġeneru, u jfakkar li, f'żoni ta' kriżi, b'mod partikolari fost gruppi vulnerabbli bħar-rifuġjati u l-migranti, in-nisa u l-bniet huma partikolarment esposti għall-vjolenza sesswali, il-mard trażmess sesswalment, l-isfruttament sesswali, l-istupru bħala arma tal-gwerra u t-tqala mhux mixtieqa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu livell għoli ta' prijorità lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri u lill-SRHR fir-rispons umanitarju tagħhom, kif ukoll obbligu ta' rendikont u aċċess għall-ġustizzja u r-rimedju għal ksur tad-drittijiet sesswali u riproduttivi u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż f'termini ta' taħriġ għall-atturi umanitarji u ta' finanzjament attwali u futur;

Emenda 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jikkundanna l-vjolenza mmirata kontra n-nisa u l-bniet f'sitwazzjonijiet ta' konflitt armat; jitlob li tittieħed azzjoni deċiżiva biex il-vjolenza sesswali ma tibqax tintuża bħala arma tal-gwerra u biex tintemm l-impunità ta' min ikun ħati ta' dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-UE tiżgura li l-assistenza umanitarja tkun ibbażata fuq valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru mwettqa b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet speċjalizzati tad-drittijiet tan-nisa u ma' organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili li jaħdmu man-nisa, mat-tfal u ma' gruppi emarġinati oħra, inklużi persuni spostati internament;

Emenda 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jirrikonoxxi l-potenzjal ta' allinjament aktar b'saħħtu fl-approċċi għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bejn l-ambaxxati tal-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE; jenfasizza l-opportunità għall-ambaxxati tal-Istati Membri li jkollhom rwol dejjem aktar attiv fl-avvanz u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jappoġġjaw ukoll lis-soċjetà ċivili f'dawn il-pajjiżi; jenfasizza l-importanza ta' responsabbiltà kondiviża bejn l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE f'dawn l-isforzi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi kollettivi tagħhom biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem u jappoġġjaw id-demokrazija madwar id-	22. Jirrikonoxxi l-potenzjal ta' allinjament aktar b'saħħtu fl-approċċi għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem bejn l-ambaxxati tal-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi mhux tal-UE; jenfasizza l-opportunità għall-ambaxxati tal-Istati Membri li jkollhom rwol dejjem aktar attiv fl-avvanz u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jappoġġjaw ukoll lis-soċjetà ċivili f'dawn il-pajjiżi; jenfasizza l-importanza ta' responsabbiltà kondiviża bejn l-Istati Membri u d-delegazzjonijiet tal-UE***, bl-appoġġ tad-delegazzjonijiet tal-Parlament Ewropew,*** f'dawn l-isforzi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi kollettivi tagħhom biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem u

dinja;	jappoġġjaw id-demokrazija madwar id-dinja;

Emenda 42
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jikkundanna kwalunkwe azzjoni jew tentattiv ta' legalizzazzjoni, instigazzjoni, awtorizzazzjoni, kunsens jew qbil mat-tortura u ma' metodi oħra ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti fi kwalunkwe ċirkostanza; jikkundanna r-rapporti dejjem jiżdiedu tal-użu tat-tortura minn atturi statali f'sitwazzjonijiet ta' konflitt madwar id-dinja, u jtenni n-natura mhux derogabbli tad-dritt għal-libertà mit-tortura jew minn forom oħra ta' trattament inuman jew degradanti;	23. Jikkundanna kwalunkwe azzjoni jew tentattiv ta' legalizzazzjoni, instigazzjoni, awtorizzazzjoni, kunsens jew qbil mat-tortura u ma' metodi oħra ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti fi kwalunkwe ċirkostanza***, inklużi atti ta' tortura mmirati speċifikament kontra n-nisa u l-bniet***; ***jenfasizza, f'dan il-kuntest, li l-fatt li r-rifuġjati minn żoni ta' konflitt u li jkunu vittmi ta' vjolenza sesswali ma jingħatawx aċċess għall-kura marbuta mal-abort jikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u jista' jitqies bħala tortura jew trattament krudili, inuman jew degradanti; jappella għal riforma tal-liġijiet restrittivi dwar l-abort;*** jikkundanna r-rapporti dejjem jiżdiedu tal-użu tat-tortura minn atturi statali f'sitwazzjonijiet ta' konflitt madwar id-dinja, u jtenni n-natura mhux derogabbli tad-dritt għal-libertà mit-tortura jew minn forom oħra ta' trattament inuman jew degradanti; ***itenni l-appell tiegħu għar-ratifika universali tal-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra u tal-Protokoll Fakultattiv tagħha, u l-ħtieġa li l-Istati jallinjaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom mal-impenji internazzjonali tagħhom;***

Emenda 43
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

24. Ifakkar li d-dritt għall-ikel, inkluż l-aċċess fiżiku u ekonomiku għal ikel adegwat jew il-mezzi għall-akkwist tiegħu, huwa dritt tal-bniedem; jinsab imħasseb ħafna dwar l-isfidi għad-dritt għall-ikel madwar id-dinja, b'mod speċjali f'sitwazzjonijiet ta' gwerra u konflitti; jinnota bi tħassib ir-rapporti dejjem jiżdiedu tal-istrumentalizzazzjoni tal-ikel f'sitwazzjonijiet ta' konflitti armati; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu linji gwida obbligatorji dwar id-dritt għall-ikel mingħajr diskriminazzjoni fis-sistema tan-NU;	24. Ifakkar li d-dritt għall-ikel, inkluż l-aċċess fiżiku u ekonomiku għal ikel adegwat jew il-mezzi għall-akkwist tiegħu, huwa dritt tal-bniedem; jinsab imħasseb ħafna dwar l-isfidi għad-dritt għall-ikel madwar id-dinja, b'mod speċjali f'sitwazzjonijiet ta' gwerra u konflitti; ***jisħaq li n-nisa u l-bniet iġarrbu b'mod sproporzjonat l-impatti tan-nuqqas ta' ikel minħabba inugwaljanzi bejn il-ġeneri preeżistenti, u dan jista' jillimita l-aċċess tagħhom għar-riżorsi u l-għajnuna; jenfasizza li t-tfal u n-nisa jreddgħu għandhom riskju akbar ta' ġuħ u malnutrizzjoni;*** jinnota bi tħassib ir-rapporti dejjem jiżdiedu tal-istrumentalizzazzjoni tal-ikel f'sitwazzjonijiet ta' konflitti armati; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jippromwovu linji gwida obbligatorji dwar id-dritt għall-ikel mingħajr diskriminazzjoni fis-sistema tan-NU;

Emenda 44
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent għandu effetti diretti fuq it-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem kollha; jirrikonoxxi l-ħidma importanti tal-OSĊ, il-popli indiġeni, id-DDB fil-qasam tal-art u tal-ambjent u l-attivisti indiġeni għall-protezzjoni ta' ambjent nadif, san u sostenibbli; jiddeplora r-riskji li jiffaċċjaw id-DDB fil-qasam tal-ambjent u l-attivisti indiġeni u jappella biex tiġi garantita l-protezzjoni effettiva tagħhom; jinnota bi tħassib kbir it-theddid dejjem jiżdied għal ambjent nadif, san u sostenibbli kkawżat mill-iskjerament ta' armi ta' qerda massiva u forom oħra ta' gwerra li jaffettwaw lill-ambjent b'mod negattiv u sproporzjonat;	25. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent għandu effetti diretti fuq it-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem kollha; jirrikonoxxi l-ħidma importanti tal-OSĊ, il-popli indiġeni, id-DDB fil-qasam tal-art u tal-ambjent u l-attivisti indiġeni għall-protezzjoni ta' ambjent nadif, san u sostenibbli; jiddeplora r-riskji li jiffaċċjaw id-DDB fil-qasam tal-ambjent u l-attivisti indiġeni u jappella biex tiġi garantita l-protezzjoni effettiva tagħhom; jinnota bi tħassib kbir it-theddid dejjem jiżdied għal ambjent nadif, san u sostenibbli kkawżat mill-iskjerament ta' armi ta' qerda massiva u forom oħra ta' gwerra li jaffettwaw lill-ambjent b'mod negattiv u sproporzjonat; ***jisħaq li l-effetti ta' ħsara tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni tal-ekosistemi qed jiġġarrbu***

	b'mod sproporzjonat mill-foqra, b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni minn minoranzi oħra, il-popli indiġeni u komunitajiet oħra li jiddependu mir-riżorsi naturali; jirrikonoxxi l-ħidma importanti tal-OSĊ, il-popli indiġeni, id-DDB fil-qasam tal-art u tal-ambjent u l-attivisti indiġeni fil-protezzjoni ta' ambjent nadif, san u sostenibbli; jiddeplora r-riskji li jiffaċċjaw id-DDB fil-qasam tal-ambjent u l-attivisti indiġeni u jappella biex tiġi garantita l-protezzjoni effettiva tagħhom; jenfasizza li n-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat mit-tibdil fil-klima minħabba inugwaljanzi bejn il-ġeneri preeżistenti li jippeġġoraw il-vulnerabbiltà tagħhom f'kuntesti soċjoekonomiċi u ambjentali; itenni l-ħtieġa kritika ta' azzjonijiet klimatiċi, inkluża t-tranżizzjoni ekoloġika, biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi eżistenti bejn il-ġeneri, inkluż bil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza ugwali u sinifikattivi tan-nisa fl-azzjoni klimatika, fit-tfassil tal-politika u fit-teknoloġiji innovattivi ekoloġiċi u nodfa;

Emenda 45
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jappella għal approċċ sistematiku u konsistenti għall-promozzjoni u għad-difiża tad-drittijiet tat-tfal permezz tal-politiki esterni kollha tal-UE; jappella għal aktar sforzi miftiehma għall-promozzjoni tar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fi kriżi jew f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jikkundanna t-tnaqqis fir-rispett għad-drittijiet tat-tfal u l-ksur u l-abbużi dejjem jiżdiedu ta' dawn id-drittijiet, inkluż permezz tal-vjolenza, iż-żwieġ bikri u furzat, l-abbuż sesswali inkluża l-mutilazzjoni ġenitali, it-traffikar, it-	26. Jappella għal approċċ sistematiku u konsistenti għall-promozzjoni u għad-difiża tad-drittijiet tat-tfal permezz tal-politiki esterni kollha tal-UE; jappella għal aktar sforzi miftiehma għall-promozzjoni tar-rispett, il-protezzjoni u t-twettiq tad-drittijiet tat-tfal fi kriżi jew f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jikkundanna t-tnaqqis fir-rispett għad-drittijiet tat-tfal u l-ksur u l-abbużi dejjem jiżdiedu ta' dawn id-drittijiet, ***li statistikament jaffettwaw lill-bniet u lin-nisa żgħażagħ b'mod aktar frekwenti,*** inkluż permezz tal-vjolenza***, inkluża l-***

tħaddim tat-tfal, ir-reklutaġġ ta' suldati tfal, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, il-malnutrizzjoni u l-faqar estrem; jikkundanna wkoll iż-żieda fl-imwiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitti armati u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' protezzjoni effettiva tad-drittijiet tat-tfal fi gwerra attiva; itenni l-appell tiegħu għal approċċ sistematiku u konsistenti għall-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tat-tfal permezz tal-politiki esterni kollha tal-UE;	***vjolenza abbażi tal-ġeneru***, iż-żwieġ bikri u furzat, l-abbuż sesswali inkluża l-mutilazzjoni ġenitali, it-traffikar, it-tħaddim tat-tfal, ir-reklutaġġ ta' suldati tfal, in-nuqqas ta' aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, il-malnutrizzjoni u l-faqar estrem; jikkundanna wkoll iż-żieda fl-imwiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' konflitti armati u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' protezzjoni effettiva tad-drittijiet tat-tfal fi gwerra attiva; itenni l-appell tiegħu għal approċċ sistematiku u konsistenti għall-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tat-tfal permezz tal-politiki esterni kollha tal-UE; ***jenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni fl-iżvilupp tat-tfal u ż-żgħażagħ madwar id-dinja; jisħaq li l-aċċess għal edukazzjoni komprensiva u adatta għall-età dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet huwa dritt tal-bniedem u għodda essenzjali fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni, il-vjolenza u l-isfruttament abbażi tal-ġeneru u fl-għoti liż-żgħażagħ tal-għarfien biex jipproteġu saħħithom u biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom;***

Emenda 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri	Id-drittijiet tan-nisa***, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR)*** u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

Emenda 47
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Jisħaq li l-edukazzjoni u l-informazzjoni dwar l-SRHR huma wieħed mill-istrumenti ewlenin biex jiġu

ssodisfati l-impenji li saru fil-25 anniversarju tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp; jenfasizza li l-edukazzjoni u l-informazzjoni dwar l-SRHR jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jitnaqqsu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-fastidju sesswali; jisħaq li edukazzjoni sesswali u dwar ir-relazzjonijiet u informazzjoni dwar is-sesswalità komprensivi u adatti għall-età huma essenzjali biex jinbnew il-ħiliet tat-tfal u ż-żgħażagħ ħalli jiffurmaw relazzjonijiet sani, ugwali u sikuri, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati n-normi tal-ġeneri, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-dinamika tal-poter fir-relazzjonijiet, il-kunsens u r-rispett għal-limiti, u jikkontribwixxu biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jitlob lill-UE, lill-Istati Membri u lis-sħab internazzjonali tagħhom jagħmlu sforzi biex jiżguraw l-aċċess għal edukazzjoni adatta għall-età u komprensiva dwar l-SRHR u s-sesswalità, filwaqt li jeliminaw l-istereotipi tal-ġeneru u n-normi soċjetali ta' ħsara, kif ukoll jiżguraw l-aċċess għal kura komprensiva tal-ippjanar tal-familja, inklużi l-kontraċezzjoni, il-kontraċezzjoni urġenti, l-informazzjoni imparzjali, il-kura qabel, waqt u wara t-twelid, is-servizzi ta' fertilità, l-abort sikur u legali u t-trattament, u t-trattament preventiv, għall-kwistjonijiet kollha relatati mas-saħħa sesswali, inkluża l-HIV, u għal informazzjoni għat-tfal madwar id-dinja, filwaqt li jippromwovu r-responsabbiltà kondiviża fl-ippjanar tal-familja u jappoġġjaw id-drittijiet u l-benesseri tan-nisa;

Emenda 48

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	***27b. Jirrimarka li l-paga ugwali hija dritt tal-bniedem rikonoxxut; ifakkar li l-iżgurar li x-xogħol li jsir min-nisa u mill-irġiel jingħata valur indaqs u t-tmiem tad-diskriminazzjoni fil-pagi huma essenzjali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw malajr id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi[1a] u jippromwovu l-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali fil-livell internazzjonali;* *[1a] Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar, ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/970/oj.*

Emenda 49

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27c. Jikkundanna bil-qawwa, abbażi tad-dikjarazzjonijiet tan-NU, il-fatt li dawk li jbatu l-aktar fi kwalunkwe konflitt armat huma n-nisa u t-tfal;

Emenda 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jikkundanna l-erożjoni tad-drittijiet tal-bniedem u s-sikurezza tar-refuġjati, tal-persuni li jfittxu l-aż̀il u tal-persuni spostati	28. Jikkundanna l-erożjoni tad-drittijiet tal-bniedem u s-sikurezza tar-refuġjati, tal-persuni li jfittxu l-aż̀il u tal-persuni spostati

bil-forza; jafferma mill-ġdid id-drittijiet tal-bniedem inaljenabbli tagħhom u d-dritt fundamentali li jfittxu l-ażil; ifakkar fl-obbligu tal-istati li jipproteġuhom f'konformità mad-dritt internazzjonali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsostnu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom fil-politika tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni u fil-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi sħab f'dan ir-rigward; jisħaq li l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tirrikonoxxi u tiżviluppa modi kif tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, billi tibni r-reżiljenza tal-komunitajiet ta' oriġini tal-migranti u tgħinhom joffru lill-membri tagħhom il-possibbiltà li jgawdu ħajja deċenti f'pajjiżhom; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu u, fejn possibbli, isaħħu l-appoġġ tagħhom għall-pajjiżi li jospitaw il-biċċa l-kbira tar-refuġjati, kif ukoll il-pajjiżi ta' tranżitu; itenni li l-kooperazzjoni u l-impenn mill-qrib mal-pajjiżi mhux tal-UE jibqgħu essenzjali għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti; jisħaq, f'dan ir-rigward, li t-tixrid ta' informazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin huma kruċjali; jappella biex l-operazzjonijiet umanitarji ffinanzjati mill-UE jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi u l-vulnerabbiltajiet tat-tfal u jiżguraw il-protezzjoni tagħhom waqt li jkunu spostati; jissottolinja l-importanza li jiġi żviluppat qafas effettiv ta' perkorsi sikuri u legali lejn l-UE u jilqa', f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u t-talent lejn l-UE[10], inkluż l-iżvilupp ta' sħubijiet ta' talent ma' pajjiżi sħab;

[10] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2022 dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u t-talent lejn l-UE (COM(2022)0657).

bil-forza; jafferma mill-ġdid id-drittijiet tal-bniedem inaljenabbli tagħhom u d-dritt fundamentali li jfittxu l-ażil; ifakkar fl-obbligu tal-istati li jipproteġuhom f'konformità mad-dritt internazzjonali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsostnu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom fil-politika tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni u fil-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi sħab f'dan ir-rigward; jisħaq li l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tirrikonoxxi u tiżviluppa modi kif tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, billi tibni r-reżiljenza tal-komunitajiet ta' oriġini tal-migranti u tgħinhom joffru lill-membri tagħhom il-possibbiltà li jgawdu ħajja deċenti f'pajjiżhom; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu u, fejn possibbli, isaħħu l-appoġġ tagħhom għall-pajjiżi li jospitaw il-biċċa l-kbira tar-refuġjati, kif ukoll il-pajjiżi ta' tranżitu; itenni li l-kooperazzjoni u l-impenn mill-qrib mal-pajjiżi mhux tal-UE jibqgħu essenzjali għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti; jisħaq, f'dan ir-rigward, li t-tixrid ta' informazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin huma kruċjali; jappella biex l-operazzjonijiet umanitarji ffinanzjati mill-UE jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi u l-vulnerabbiltajiet tat-tfal u ***n-nisa u*** jiżguraw il-protezzjoni tagħhom waqt li jkunu spostati; jissottolinja l-importanza li jiġi żviluppat qafas effettiv ta' perkorsi sikuri u legali lejn l-UE u jilqa', f'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u t-talent lejn l-UE[10], inkluż l-iżvilupp ta' sħubijiet ta' talent ma' pajjiżi sħab;

[10] Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2022 dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u t-talent lejn l-UE (COM(2022)0657).

Emenda 51
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jiddeplora l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-diskriminazzjoni, il-persekuzzjoni, il-vjolenza u l-qtil kontra persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, mhux binarji, intersesswali u queer (LGBTIQ+) madwar id-dinja; jinsab imħasseb ħafna ***bit-tixrid ta' mibegħda*** u narrattivi u leġiżlazzjoni kontra l-LGBTIQ+ ***li jimmiraw lill-persuni*** LGBTIQ+ u d-DDB; itenni l-appelli tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 bħala l-għodda tal-UE għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ+ madwar id-dinja;	29. Jiddeplora l-ksur ***li qed iseħħ*** tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-diskriminazzjoni, il-persekuzzjoni, il-vjolenza u l-qtil kontra persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru, mhux binarji, intersesswali u queer (LGBTIQ+) madwar id-dinja; jinsab imħasseb ħafna ***biż-żieda fil-mibegħda*** u narrattivi u leġiżlazzjoni kontra l-LGBTIQ+ ***immirati kontra l-persuni*** LGBTIQ+ u d-DDB ***u li jirrestringu t-tgawdija tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom, kemm fl-UE kif ukoll barra l-UE, b'mod partikolari r-rigressjoni f'xi Stati Membri, bħall-Ungerija, fejn liġijiet kontra l-persuni LGBTIQ+, bħall-Att LXXIX tal-2021, idgħajfu d-drittijiet u s-sikurezza tal-persuni LGBTIQ+***; itenni l-appelli tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 bħala l-għodda tal-UE għat-titjib tas-sitwazzjoni tal-persuni LGBTIQ+ madwar id-dinja; ***jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza, diskriminazzjoni, stigmatizzazzjoni, persekuzzjoni, reati ta' mibegħda, diskors ta' mibegħda, terapiji ta' konverżjoni, mutilazzjoni ġenitali intersesswali u vjolenza sesswali kontra persuni LGBTIQ+ fl-UE u globalment; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiddenunzjaw dawn l-inġustizzji u jimpenjaw ruħhom li jipproteġu d-drittijiet, id-dinjità u s-sikurezza tal-persuni LGBTIQ+; jiddenunzja, f'dan ir-rigward, il-prattiki ta' konverżjoni għal persuni LGBTIQ+ bl-għan li jbiddlu, jillimitaw jew irażżnu l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tal-vittmi tagħhom; jitlob l-implimentazzjoni ta' politika fl-UE kollha biex prattiki ta' dan it-tip jiġu***

	pprojbiti bil-liġi; jenfasizza ż-żieda fit-tħassib u l-biżgħat fil-komunitajiet LGBTIQ+ u jħeġġeġ lill-UE tieħu pożizzjoni soda kontra kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva jew soċjali li tipperikola lill-persuni LGBTIQ+;

Emenda 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jitlob b'insistenza, fid-dawl taż-żieda fil-leġiżlazzjoni restrittiva rigward id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+ fl-UE u barra l-UE, passaġġi sikuri garantiti biex jingħata ażil lill-persuni LGBTIQ+ li jiġu ppersegwitati, iddiskriminati jew mhedda fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom;

Emenda 53
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jinsab imħasseb dwar l-isfidi għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà; itenni l-appelli tiegħu lill-UE biex tassisti lill-pajjiżi sħab fl-iżvilupp ta' politiki b'appoġġ għall-indokraturi ta' persuni b'diżabbiltà; jistieden lill-UE, fil-politika esterna tagħha, tagħmel użu mill-istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021-2030 bħala għodda biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari l-faqar u d-diskriminazzjoni, iżda wkoll problemi bl-aċċess għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa u għall-impjiegi, u għall-parteċipazzjoni fil-ħajja politika;	30. Jinsab imħasseb dwar l-isfidi għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà; itenni l-appelli tiegħu lill-UE biex tassisti lill-pajjiżi sħab fl-iżvilupp ta' politiki b'appoġġ għall-indokraturi ta' persuni b'diżabbiltà; ***jissottolinja l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bniet u ta' tfal oħra b'diżabbiltà madwar id-dinja, fid-dawl ta' inizjattivi leġiżlattivi reċenti bħall-Kard tal-UE tad-Diżabbiltà għaċ-ċittadini tal-UE u għar-residenti ta' pajjiżi mhux tal-UE;*** jistieden lill-UE, fil-politika esterna tagħha, tagħmel użu mill-istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021-2030 bħala għodda biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà, b'mod partikolari l-faqar u d-diskriminazzjoni, iżda wkoll problemi bl-aċċess għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa u għall-

impjiegi, u għall-parteċipazzjoni fil-ħajja politika***, kwistjonijiet li, fil-każ tan-nisa b'diżabbiltà, jirriżultaw f'każijiet estremi ta' diskriminazzjoni multipla***;

Emenda 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Itenni l-appell tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw toroq ġodda biex isaħħu d-drittijiet tal-anzjani, filwaqt li jqisu l-isfidi multipli li jiffaċċjaw, bħad-diskriminazzjoni abbażi tal-età, il-faqar, il-vjolenza u nuqqas ta' protezzjoni soċjali, kura tas-saħħa u servizzi essenzjali oħra, kif ukoll ostakli għall-impjieg; jissottolinja l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ rigward strument legalment vinkolanti biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni akbar fl-età u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkunsidraw li jipprovdu appoġġ attiv għal dik il-ħidma;	31. Itenni l-appell tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw toroq ***u programmi*** ġodda biex isaħħu d-drittijiet tal-anzjani, filwaqt li jqisu l-isfidi multipli li jiffaċċjaw, bħad-diskriminazzjoni abbażi tal-età, il-faqar, il-vjolenza u nuqqas ta' protezzjoni soċjali, ***aċċess limitat għal*** kura tas-saħħa ***bla ħlas*** u servizzi essenzjali oħra***, speċjalment f'żoni rurali u iżolati jew żvantaġġati***, kif ukoll ostakli għall-impjieg***, li jwasslu għat-telf ta' abbundanza ta' esperjenza li tista' tkun ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ fil-bidu tal-karrieri tagħhom***; jissottolinja l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Miftuħ tan-NU dwar it-Tixjiħ rigward strument legalment vinkolanti biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni akbar fl-età u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkunsidraw li jipprovdu appoġġ attiv għal dik il-ħidma***, kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva kemm fil-leġiżlazzjoni kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum***;

Emenda 55
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Itenni l-kundanna tiegħu għall-forom kollha ta' razziżmu, intolleranza, ksenofobija u diskriminazzjoni abbażi ***tar-razza***, l-etniċità, in-nazzjonalità, ***il-klassi*** soċjali, id-diżabbiltà***, il-kasta***, ir-reliġjon,	32. Itenni l-kundanna tiegħu għall-forom kollha ta' razziżmu, intolleranza, ksenofobija u diskriminazzjoni abbażi ***tas-sess, ir-razza, il-kulur***, l-etniċità, in-nazzjonalità, ***l-oriġini*** soċjali***, il-***

it-twemmin, l-età, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru; jikkundanna t-theddida internazzjonali dejjem tikber tad-diskors ta' mibegħda, inkluż online; itenni r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni u d-djalogu fil-promozzjoni tat-tolleranza, il-fehim u d-diversità; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkunu minn ta' quddiem fil-ġlieda globali kontra l-forom kollha ta' estremiżmu u jilqa' l-adozzjoni ta' strateġija tal-UE għal dan il-għan;

karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, id-diżabbiltà, ir-reliġjon, it-twemmin***, l-appartenenza għal minoranza, il-proprjetà, it-twelid***, l-età, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru; ***jissottolinja li d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe raġuni twassal għal ksur tad-drittijiet fl-oqsma kollha tal-ħajja, inklużi l-aċċess għall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u, b'mod partikolari, il-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, ix-xogħol u l-aċċess għall-ġustizzja; itenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri biex jadottaw u jimplimentaw strateġiji, politiki u programmi biex javvanzaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) ta' gruppi emarġinati ta' nisa, u biex ineħħu għalkollox l-ostakli finanzjarji, legali, prattiċi u soċjali li jiffaċċjaw; jenfasizza li n-nisa u l-bniet li jesperjenzaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni huma partikolarment vulnerabbli;*** jikkundanna t-theddida internazzjonali dejjem tikber tad-diskors ta' mibegħda, inkluż online; itenni r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni u d-djalogu fil-promozzjoni tat-tolleranza, il-fehim u d-diversità; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkunu minn ta' quddiem fil-ġlieda globali kontra l-forom kollha ta' estremiżmu u jilqa' l-adozzjoni ta' strateġija tal-UE għal dan il-għan;

Emenda 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Itenni l-oppożizzjoni ta' prinċipju tiegħu għall-piena tal-mewt, li hija inkompatibbli mad-dritt għall-ħajja u piena krudili, inumana u degradanti li hija irriversibbli; jisħaq li l-UE jeħtiġilha tkun kostanti hi u tfittex li tilħaq l-għan tagħha tal-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt bħala objettiv ewlieni tal-politika	33. Itenni l-oppożizzjoni ta' prinċipju tiegħu għall-piena tal-mewt, li hija inkompatibbli mad-dritt għall-ħajja u piena krudili, inumana u degradanti li hija irriversibbli; jisħaq li l-UE jeħtiġilha tkun kostanti hi u tfittex li tilħaq l-għan tagħha tal-abolizzjoni universali tal-piena tal-mewt bħala objettiv ewlieni tal-politika

barranija tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; jinnota li minkejja t-tendenza f'xi pajjiżi mhux tal-UE li jieħdu passi lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, għadhom jeżistu sfidi sinifikanti f'dan ir-rigward; jiddeplora l-fatt li f'pajjiżi oħra mhux tal-UE l-għadd ta' sentenzi tal-mewt li twettqu laħaq l-ogħla livell tiegħu fl-aħħar ħames snin; itenni l-appell tiegħu għall-pajjiżi kollha biex jabolixxu kompletament il-piena tal-mewt jew jistabbilixxu moratorju immedjat bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tagħha;

barranija tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; jinnota li minkejja t-tendenza f'xi pajjiżi mhux tal-UE li jieħdu passi lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, għadhom jeżistu sfidi sinifikanti f'dan ir-rigward; ***jisħaq li l-għan tal-ġustizzja kriminali għadu r-riintegrazzjoni soċjali tat-trażgressuri, il-kumpens tal-vittmi għal telf jew ħsara u l-prevenzjoni ta' reati suċċessivi;*** jiddeplora l-fatt li f'pajjiżi oħra mhux tal-UE l-għadd ta' sentenzi tal-mewt li twettqu laħaq l-ogħla livell tiegħu fl-aħħar ħames snin; itenni l-appell tiegħu għall-pajjiżi kollha biex jabolixxu kompletament il-piena tal-mewt jew jistabbilixxu moratorju immedjat bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tagħha;

Emenda 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-ksur tad-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin; jiddeplora l-istrumentalizzazzjoni tal-identitajiet tar-reliġjon jew tat-twemmin għal skopijiet politiċi u l-esklużjoni ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi u ta' twemmin u komunitajiet reliġjużi f'ċerti pajjiżi mhux tal-UE; jirrakkomanda li l-Mibgħut Speċjali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra mill-UE jingħata aktar riżorsi sabiex ikun jista' jwettaq il-mandat tiegħu b'mod adegwat; jenfasizza l-ħtieġa li l-Mibgħut Speċjali jkompli jaħdem mill-qrib u b'mod komplementari mar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi tagħhom biex jipproteġu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin, iqajmu dawn il-kwistjonijiet fil-	34. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-ksur tad-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon u tat-twemmin; jiddeplora l-istrumentalizzazzjoni tal-identitajiet tar-reliġjon jew tat-twemmin għal skopijiet politiċi u l-esklużjoni ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi u ta' twemmin u komunitajiet reliġjużi f'ċerti pajjiżi mhux tal-UE; ***jinnota bi tħassib li l-użu ħażin tat-twemmin reliġjuż jista' jwassal għal vjolenza u diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru, li jkollhom impatt sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet permezz ta' prattiki bħaż-żwieġ furzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, ir-restrizzjonijiet fuq l-edukazzjoni u l-limitazzjonijiet tal-libertajiet personali;*** jirrakkomanda li l-Mibgħut Speċjali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin barra mill-UE jingħata aktar riżorsi sabiex ikun jista' jwettaq il-mandat tiegħu b'mod adegwat; jenfasizza l-ħtieġa li l-Mibgħut Speċjali

fora tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU u jkomplu jaħdmu mal-mekkaniżmi u l-kumitati rilevanti tan-NU;	jkompli jaħdem mill-qrib u b'mod komplementari mar-RSUE għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi tagħhom biex jipproteġu d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon jew tat-twemmin, iqajmu dawn il-kwistjonijiet fil-fora tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU u jkomplu jaħdmu mal-mekkaniżmi u l-kumitati rilevanti tan-NU;

Emenda 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jenfasizza s-sinifikanza kritika tal-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għal informazzjoni affidabbli biex jiġu sostnuti d-demokrazija u spazju ċiviku b'saħħtu; jinsab serjament imħasseb dwar ir-restrizzjonijiet dejjem jiżdiedu fuq il-libertà tal-espressjoni f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, b'mod partikolari għall-ġurnalisti, permezz taċ-ċensura, l-awtoċensura furzata, u l-użu ħażin tal-liġijiet kontra t-terroriżmu jew kontra l-korruzzjoni biex irażżnu lill-ġurnalisti ***u l-gruppi*** tas-soċjetà ċivili; iqajjem tħassib, barra minn hekk, dwar is-sigurtà fiżika tal-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media u l-fatt li qed ikunu fil-mira f'żoni ta' konflitt;	35. Jenfasizza s-sinifikanza kritika tal-libertà tal-espressjoni u l-aċċess ***bla restrizzjoni*** għal informazzjoni ***indipendenti*** affidabbli biex jiġu sostnuti d-demokrazija u spazju ċiviku b'saħħtu ***u liberu mingħajr manipulazzjoni jew limitazzjonijiet***; jinsab serjament imħasseb dwar ir-restrizzjonijiet dejjem jiżdiedu fuq il-libertà tal-espressjoni ***u l-libertà tal-għaqda*** f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, b'mod partikolari għall-ġurnalisti, permezz taċ-ċensura, l-awtoċensura furzata, u l-użu ħażin tal-liġijiet kontra t-terroriżmu jew kontra l-korruzzjoni biex irażżnu lill-ġurnalisti***, il-gruppi*** tas-soċjetà ċivili***, il-politiċi tal-oppożizzjoni u, fl-agħar każijiet, l-avukati***; iqajjem tħassib, barra minn hekk, dwar is-sigurtà fiżika ***tal-politiċi tal-oppożizzjoni, tad-dissidenti, tal-avukati,*** tal-ġurnalisti u l-ħaddiema tal-media u l-fatt li qed ikunu fil-mira f'żoni ta' konflitt;

Emenda 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jiddeplora l-fatt li d-dritt għall-parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ħielsa u ġusti mhuwiex rispettat f'reġimi awtoritarji u illiberali; jenfasizza li dawn ir-reġimi jwettqu elezzjonijiet foloz bil-għan li jsaħħu s-setgħa tagħhom, peress li ma għandhomx kontestazzjoni politika reali u pluraliżmu;	39. Jiddeplora l-fatt li d-dritt għall-parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ħielsa u ġusti mhuwiex rispettat f'reġimi awtoritarji u illiberali; jenfasizza li dawn ir-reġimi jwettqu elezzjonijiet foloz bil-għan li jsaħħu s-setgħa tagħhom, peress li ma għandhomx kontestazzjoni politika reali u pluraliżmu; ***jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tat-tmexxija politika femminili u tal-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tisħiħ tal-proċessi demokratiċi u fl-iżgurar ta' rappreżentanza varjata;***

Emenda 60
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jenfasizza li f'ħafna reġjuni tad-dinja, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) spiss huma l-forza mexxejja tal-ekonomiji lokali; jissottolinja li l-MSMEs jirrappreżentaw 90 % tan-negozji, 60 sa 70 % tal-impjiegi u 50 % tal-prodott domestiku gross madwar id-dinja; jenfasizza l-importanza tal-MSMEs fil-kontribut tagħhom għall-Aġenda 2030 u l-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, jiġifieri dawk dwar il-qerda tal-faqar u xogħol deċenti għal kulħadd;	41. Jenfasizza li f'ħafna reġjuni tad-dinja, l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) spiss huma l-forza mexxejja tal-ekonomiji lokali; jissottolinja li l-MSMEs jirrappreżentaw 90 % tan-negozji, 60 sa 70 % tal-impjiegi u 50 % tal-prodott domestiku gross madwar id-dinja; ***jirrikonoxxi li l-MSMEs immexxija minnisa jistgħu jiffaċċjaw sfidi uniċi fl-aċċess għar-riżorsi u l-opportunitajiet, parzjalment minħabba diskriminazzjoni tal-ġeneru sistemika; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ biex jissaħħu t-tkabbir u l-inklużjoni tagħhom sabiex tinżamm il-kompetittività fis-suq globali u jiġi żgurat aċċess xieraq għas-self u l-kreditu, l-investituri informali u l-investituri ta' kapital ta' riskju, li għandhom jiġu promossi permezz ta' programmi u fondi tal-UE, kif ukoll permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment għall-aċċess għall-mikrofinanzjament; jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom ineħħu l-ostakli għan-nisa biex jibdew u jkunu l-proprjetarji ta' negozji sabiex jingħalaq id-distakk bejn il-ġeneri fl-intraprenditorija;*** jenfasizza l-importanza

tal-MSMEs fil-kontribut tagħhom għall-Aġenda 2030 u l-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, jiġifieri dawk dwar il-qerda tal-faqar u xogħol deċenti għal kulħadd;

Emenda 61
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jinsab imħasseb dwar it-theddida li l-intelliġenza artifiċjali (IA) tista' toħloq għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, ***b'mod speċjali jekk ma tkunx regolata kif xieraq***; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tas-26 ta' Ġunju 2023 biex jissaħħu r-rwol u t-tmexxija tal-UE fil-governanza diġitali globali, b'mod partikolari l-pożizzjoni tagħha bħala dik li tifforma l-ktieb tar-regoli diġitali globali; jilqa', f'dan ir-rigward, l-adozzjoni tal-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li għandu l-għan li jarmonizza r-regoli dwar l-IA biex jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, u l-vantaġġi li tista' ġġib l-IA għall-benesseri tal-bniedem; jinnota bi tħassib l-effetti negattivi tal-"industrija ta' kontenut falz" fuq id-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-istampa, inkluż l-iżvilupp rapidu tal-IA u l-għoti tas-setgħa sussegwenti lill-industrija tad-diżinformazzjoni[12];	42. Jinsab imħasseb dwar it-theddida li l-intelliġenza artifiċjali (IA) tista' toħloq għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, ***filwaqt li jirrikonoxxi wkoll il-vantaġġi tal-IA u ta' teknoloġiji ġodda***; ***itenni l-ħtieġa li tingħata attenzjoni politika akbar lill-bidliet profondi li jirriżultaw mis-sistemi tal-IA, li għandhom il-potenzjal jippromwovu, fost affarijiet oħra, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha; jirrimarka dwar ir-riskju li jinħolqu jew jitkomplew inugwaljanzi bejn il-ġeneri jew preġudizzji abbażi tal-ġeneru fis-soċjetajiet tagħna permezz tal-IA, u r-riskju li tiġi inċentivata l-vjolenza ċibernetika u fiżika kontra n-nisa, jekk ma titteħidx azzjoni xierqa; jilqa' l-adozzjoni tal-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tal-UE, b'livelli għolja inkorporati ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri, li għandu l-għan li jarmonizza r-regoli dwar l-IA għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u l-vantaġġi li l-IA tista' tagħti lill-benesseri tal-bniedem; jilqa' l-adozzjoni tal-ewwel Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt; jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) biex in-nisa u l-bniet jingħataw ħiliet orjentati lejn il-futur, biex ikollhom aċċess għall-impjiegi u biex jisfidaw l-istereotipi tal-**

ġeneru li tradizzjonalment ikkategorizzaw dawn l-oqsma bħala oqsma ddominati mill-irġiel; jitlob li l-UE, l-Istati Membri u s-sħab internazzjonali jintensifikaw l-isforzi globali biex jippromwovu u jinkoraġġixxu t-tagħlim STEM minn età bikrija biex ikun żgurat li n-nisa u l-bniet ma jkollhomx żvantaġġ inġust meta, aktar 'il quddiem ifittxu impjieg fis-setturi xjentifiċi u tekniċi, filwaqt li jiżdiedu l-aċċess u t-tmexxija tan-nisa u l-bniet fl-iSTEM u fl-edukazzjoni u l-karrieri relatati mat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni; jenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jeħtieġ li tkun prijorità fil-proċess tal-kunċettwalizzazzjoni u l-bini tas-sistemi tal-IA; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Diġitali tas-26 ta' Ġunju 2023 biex jissaħħu r-rwol u t-tmexxija tal-UE fil-governanza diġitali globali, b'mod partikolari l-pożizzjoni tagħha bħala dik li tifforma l-ktieb tar-regoli diġitali globali; jilqa', f'dan ir-rigward, l-adozzjoni tal-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li għandu l-għan li jarmonizza r-regoli dwar l-IA biex jipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, u l-vantaġġi li tista' ġġib l-IA għall-benesseri tal-bniedem; jinnota bi tħassib l-effetti negattivi tal-"industrija ta' kontenut falz" fuq id-dritt għall-informazzjoni u l-libertà tal-istampa, inkluż l-iżvilupp rapidu tal-IA u l-għoti tas-setgħa sussegwenti lill-industrija tad-diżinformazzjoni[1a];

[1a] ***Reporters Without Borders, '2023 World Press Freedom Index – journalism threatened by fake content industry' https://rsf.org/en/2023-world-press-freedom-index-journalism-threatened-fake-content-industry.***

[12] ***Reporters Without Borders, '2023 World Press Freedom Index – journalism threatened by fake content industry' https://rsf.org/en/2023-world-press-freedom-index-journalism-threatened-***

fake-content-industry.

Emenda 62

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42a. Jilqa' l-adozzjoni, f'Mejju 2024, tal-ewwel Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt, li għandha l-għan li tiżgura li l-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tas-sistemi tal-IA jkunu konsistenti bis-sħiħ mad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; itenni l-ħtieġa li tingħata attenzjoni leġiżlattiva akbar lill-bidliet profondi li jirriżultaw minn attivitajiet fi ħdan iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA, li għandhom il-potenzjal jippromwovu l-prosperità tal-bniedem, il-benesseri individwali u soċjali, l-iżvilupp sostenibbli, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, iżda li għandhom ukoll ir-riskju li joħolqu jew jippeġġoraw l-inugwaljanzi u li jinċentivaw il-vjolenza ċibernetika u fiżika, inkluża vjolenza esperjenzata minn nisa u individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;

Emenda 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42b. Itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas legali applikabbli globalment li jistabbilixxi prinċipji ġenerali u regoli komuni biex jiġu rregolati l-attivitajiet matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistemi tal-IA, biex effettivament jitħarsu l-valuri komuni u jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-

intelliġenza artifiċjali ħalli tali valuri jiġu promossi b'mod li jwassal għal innovazzjoni responsabbli; iħeġġeġ lill-UE tippromwovi tali innovazzjoni leġiżlattiva u, għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tiffoka aktar mill-qrib fuq ir-riskji u l-opportunitajiet li jġibu magħhom is-sistemi ta' apprendiment awtomatiku fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, kif ukoll tal-opportunitajiet indaqs u l-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa;

Emenda 64
Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Jisħaq li l-internet għandu jkun post fejn tipprevali l-libertà tal-espressjoni; ***jikkunsidra, madankollu, li jeħtieġ li jiġu rispettati d-drittijiet tal-individwi;*** huwa tal-opinjoni li, fejn applikabbli, dak li jitqies li huwa illegali offline, għandu jitqies illegali online; jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' qtugħ tal-internet; jenfasizza li l-qtugħ tal-internet spiss jintuża minn reġimi awtoritarji, fost l-oħrajn, biex isikktu l-oppożizzjoni politika u jrażżnu l-libertà politika; jappella b'mod urġenti lill-UE biex tiġġieled kontra dan il-fenomenu allarmanti;	43. Jisħaq li ***d-drittijiet tal-individwi kollha jeħtieġ li jiġu rrispettati; iqis, madankollu, li*** l-internet għandu jkun post fejn tipprevali l-libertà tal-espressjoni; ***jissottolinja l-fastidju u l-abbuż (sesswali) sproporzjonati li n-nisa u l-bniet jiffaċċjaw online;*** huwa tal-opinjoni li, fejn applikabbli, dak li jitqies li huwa illegali offline, għandu jitqies illegali online; ***jiddeplora kwalunkwe użu ta' deepfakes iġġenerati bl-IA u azzjonijiet abbużivi oħra bbażati fuq l-immaġnijiet kontra n-nisa u l-bniet, li kollha kemm huma jista' jkollhom konsegwenzi devastanti għas-saħħa fiżika u mentali tan-nisa; iħeġġeġ lill-UE timplimenta salvagwardji biex tidentifika u tipprevjeni deepfakes ta' ħsara u biex tindirizza it-theddid diġitali speċifiku għall-ġeneru skont ir-regolamenti dwar l-IA;*** jesprimi tħassib dwar l-għadd dejjem jikber ta' qtugħ tal-internet; jenfasizza li l-qtugħ tal-internet spiss jintuża minn reġimi awtoritarji, fost l-oħrajn, biex isikktu l-oppożizzjoni politika u jrażżnu l-libertà politika; jappella b'mod urġenti lill-UE biex tiġġieled kontra dan il-fenomenu allarmanti;

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	12.12.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 10 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Irmhild Boßdorf, Mélissa Camara, Margarita de la Pisa Carrión, Valérie Devaux, Elisabeth Dieringer, Viktória Ferenc, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Alexandra Geese, Arba Kokalari, Sebastian Kruis, Judita Laššáková, Eleonora Meleti, Irene Montero, Carolina Morace, Alessandra Moretti, Mirosława Nykiel, Giusi Princi, Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus, Benedetta Scuderi, Laurence Trochu, Maria Walsh, Lucia Yar, Dainius Žalimas
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Kathleen Funchion, Elisabeth Grossmann, Billy Kelleher
Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali	Fredis Beleris, Jorge Buxadé Villalba, Mélanie Disdier, Geadis Geadi, Lukas Mandl, Alexandra Mehnert

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

24	+
PPE	Fredis Beleris, Arba Kokalari, Lukas Mandl, Alexandra Mehnert, Eleonora Meleti, Mirosława Nykiel, Giusi Princi, Maria Walsh
Renew	Valérie Devaux, Billy Kelleher, Lucia Yar, Dainius Žalimas
S&D	Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Elisabeth Grossmann, Alessandra Moretti, Emma Rafowicz, Joanna Scheuring-Wielgus
The Left	Kathleen Funchion, Irene Montero, Carolina Morace
Verts/ALE	Mélissa Camara, Alexandra Geese, Benedetta Scuderi

10	-
ECR	Geadis Geadi, Laurence Trochu
ESN	Irmhild Boßdorf
NI	Judita Laššáková
PfE	Jorge Buxadé Villalba, Elisabeth Dieringer, Mélanie Disdier, Viktória Ferenc, Sebastian Kruis, Margarita de la Pisa Carrión

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni